MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 364/2008

Kawza fil-lista: 35

**B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet isseparaw b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2005; li permezz ta' din is-sentenza l-attur gie ordnat jhallas lill-attrici, is-somma ta' tlettin lira Maltin (LM30) fil-gimgha bhala manteniment ghaliha, u s-somma ta' hamsa u tlettin lira Maltin (LM35) bhala manteniment ghaz-zewg ulied minuri tal-partijiet; li l-attur gie ordnat ukoll ihallas nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u tas-sahha tal-minuri; li wara t-8 ta' Marzu 2008 il-paga ta' l-attur tnaqqset sostanzjalment minhabba

li minn skala 12 mal-gvern nizel ghal skala 13; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti [1] tirrivedi r-rata ta' manteniment li l-attur jissoministra ghal martu u ghal uliedu, fis-sens li tirrifletti t-tnaqqis drastiku fid-dhul mensili tieghu; u [2] li dan il-manteniment rivedut jitnaqqas direttament mill-paga tieghu; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat ir-rikors kongunt prezentat mill-partijiet fil-11 ta' Gunju 2010 sabiex din il-Qorti fis-sentenza taghha tikkunsidera l-proposta li fuqha qablu l-partijiet dwar il-vertenza meritu tal-kawza odjerna; u li kopja tieghu qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess [Appendici A].

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluzi, affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tvarja r-rata alimentarja dovuta minnu lill-konvenuta, bhala manteniment ghaliha u ghal binthom minuri Jessica; u dan stante tnaqqis sostanzjali fil-paga ta' l-attur.

Illi l-partijiet qablu li l-manteniment ghall-minuri ghandhu jibqa' l-istess kif ordnat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-separazzjoni moghitja fl-24 ta' Frar 2005; qablu wkoll dwar proposta maghmula mill-attur rigwardanti l-manteniment dovut minnu ghall-konvenuta, liema proposta tinstab kontenuta fir-rikors kongunt fuq indikat; u li din il-Qorti thoss li hija accettabbli fic-cirkostanzi prezenti.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur; u ghal fini ta' l-ewwel talba tordna li, filwaqt li l-manteniment dovut ghat-tifla minuri jibqa' kif stabbilit fi-sentenza fuq indikata, dak dovut ghal konvenuta, jkun fit-termini tal-kontenut tal-paragrafu fil-partita numru wiehed [1] fit-tieni pagna tar-rikors surriferit, u li kopja tieghu hija annessa mal-gudizzju odjern [Appendici A].

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------